MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 832/2003

***U.C.I.M. Co.Ltd.***

***vs***

***Peter Carbonaro u martu Caroline Carbonaro***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ April, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm163) rappresentanti l-import ta’ tlett kambjali, wahda ta’ Lm43 (bilanc), wahda ta’ Lm61 u wahda ta’ Lm59, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2002 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma’ l-avviz u mmarkati bhala Dokumenti numri 1 sa 3 konsekuttivament u inklusivament.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk Lm6 tal-konsult legali, kif ukoll bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ April 2003 jammontaw ghal Lm10 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm163), bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------